**135. Il-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami jipproponi**:

Illi din il-Kamra tistqarr l-apprezzament tagħha għall-mod siewi u dinjituż li bih is-Sur Paul Xuereb qeda d-dmirijiet tiegħu lejn il-Poplu Malti fil-kariga ta' Aġent President ta' Malta, u fil-waqt li tirringrazzjah ta' dan, tixtieqlu għomor twil u ħieni u aktar servizz għal pajjiżna.

28.03.1989

**Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici ressaq din l-Emenda "A":**

"Ħassar il-kliem kollu wara l-kliem "Illi din il-Kamra tistqarr" u żid dan li ġej:

"l-istmerrija tagħha għall-aġir tal-Gvern Nazzjonalista li ma weriex l-apprezzament mistħoqq lil Pawlu Xuereb fil-kariga ta' Aġent President tar-Repubblika billi tterminalu l-inkarigu unilateralment u mingħajr raġuni tajba u b'hekk twarrbet persuna li kienet meqjusa tal-poplu Malti kollu, għaliex magħżula bi ftehim taż-żewġ Partiti, u b'hekk ukoll il-Gvern Nazzjonalista ssokta jkabbar il-firda fost il-poplu."."

L-emenda m'għaddietx.

Il-mozzjoni għaddiet fis-Seduta 222 tal-10.04.1989.